.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2002**

**Numru 2**

**Cit. Nru. 132/02(F1) GCD**

**Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Cyprus Popular Bank Ltd.**

**Vs**

**Malta Fishfarming Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-attrici nomine hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ekwivalenti fi flus Maltin ta' mitejn u hamsa u ghoxrin miljun liri taljani (LIT225,000,000) rapprezentanti valur ta' disa' kambjali (annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala

Dokumenti "A1" sa "A9") accettati mill-istess socjeta` konvenuta liema kambjali gew girati favur l-attrici nomine mis-socjeta` estera N.P. Fisheries Limited;

Illi dawn il-kambjali issa skadew u baqghu ma thallsux nonostante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata biex thallashom u nonostante illi dawn il-kambjali gew protestati kontra s-socjeta` konvenuta ghal nuqqas ta' hlas (kopji tal-protesti annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dokumenti "B1" sa "B9");

Illi dan id-debitu huwa veru, cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attrici nomine s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess ammont;

Talbet illi dina l-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici nomine s-somma ekwivalenti fi flus maltin ta' mitejn u hamsa u ghoxrin miljun liri taljani (LIT225,000,000), ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju tallum ghal sitta u erbghin elf tliet mija u erbatax-

il lira Maltija (Lm46,314), valur ta' disa' kambjali accettati mis-socjeta` konvenuta liema kambjali skadew u baqghu ma thallsux;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-iskadenzi relattivi ta' l-istess kambjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm